MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 471/2002/1

**Anthony J. Terreni**

**v.**

**Dottor Rene Frendo Randon, G.R.A.P. Limited, Reginald Fava, Maria Aurora Fava, Pierre Fava u Graziella Fava**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. Dan hu appell ad istanza ta’ l-atturi minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-20 ta’ Ottobru 2005, liema sentenza sejra tigi hawn riprodotta fl-intier taghha ghal intendiment ahjar ta’ dan l-appell:-
“Il-Qorti,

“Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-attur fil-25 ta’ April, 2002, li *in forza* taghha, wara li ppremetta illi:

“L-attur kien gie mahtur direttur fis-socjeta` *Sliema Properties Limited (C317)* fit-3 ta’ Lulju, 1975 u kontestwalment akkwista hamsa u ghoxrin sehem tal-valur nominali ta’ Lira (Lm1) ghal kull sehem, li thallsu interament, u liema isthma kienu formalment innumerati minn 901 sa 925 kif jirrizulta minn certifikat datat 3 ta’ Lulju, 1975 mahrug minn *Sliema Properties Ltd* (Dok. A). L-esponent irrizenja minn direttur fil-31 ta’ Dicembru, 1984, izda baqa’ azzjonista kif hawn fuq indikat.

“Ricentament l-attur sar jaf li s-socjeta` *Sliema Properties Ltd* giet amalgamata mas-socjeta` *G.R.A.P. Ltd*, li taghha l-konvenuti l-ohra Reginald Fava, Maria Aurora Fava, Pierre Fava u Graziella Fava huma lkoll azzjonisti.

“*In effetti* l-attur qatt ma gie notifikat b’ebda hsieb li ssir din l-amalgamazzjoni u dan minkejja illi huwa dejjem kien u baqa’ azzjonista ta’ l-imsemmija socjeta` *Sliema Properties Ltd*. Jirrizulta *in effetti* illi b’risoluzzjoni mehuda minn *G.R.A.P. Limited* u *Reginald Fava* mehuda fl-10 ta’ April, 1995, ittiehed vot biex jamalgamaw *Sliema Properties Ltd* fis-socjeta` l-ohra *G.R.A.P. Ltd* u li konsegwenza ta’ din l-amalgamazzjoni s-socjeta` *Sliema Properties Ltd* ma baqghetx tezisti filwaqt li *G.R.A.P. Ltd* issuccediet fid-drittijiet u obbligi kollha ta’ *Sliema Properties Ltd.* (vide serje ta’ dokumenti relatati ma’ l-amalgamazzjoni mmarkati Dok. *‘B’*); u peress illi deher Avviz relatat ma’ tali amalgamazzjoni fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern datata 9 ta’ Gunju, 1995 (vide Dok. *‘C’*).

“Ghalkemm l-attur qatt ma ttrasferixxa l-hamsa u ghoxrin sehem (25) sehem tieghu f’*Sliema Properties Ltd*.,

jirrizulta li fid-19 ta' Dicembru, 1986, id-direttur ta' dak iz-zmien ta' *Sliema Properties Ltd* ghaddew risoluzzjoni li biha approvaw li jsiru xi trasferimenti ta' isthma bejn azzjonisti u terzi, fosthom trasferiment ta' hamsa u ghoxrin sehem bejn l-attur u Dottor Rene' Frendo Randon (Dok. D). Il-Bord tad-Diretturi approva din ir-risoluzzjoni *ad insaputa* ta' l-attur. Fl-istess hin l-azzjonisti l-ohra cedew l-jedd ta' prelazzjoni taghhom ghal dawn il-25 sehem u iddikjaraw ukoll li ma ghandhom l-ebda oggezzjoni ghal dan it-trasferiment ta' 25 sehem minghand Anthony Terreni *a favur* ta' Dr. Rene' Frendo Randon (Dok. E).

"*Nonostante* din ir-risoluzzjoni mehuda mid-diretturi u l-azzjonisti ta' *Sliema Properties Limited,* ma kien hemm qatt ftehim bejn l-attur u l-konvenut Dottor Rene' Frendo Randon biex jinbieghu jew jigu trasferiti dawn l-isthma, u ma jezisti ebda dokument li permezz tieghu l-attur ghaddha jew assenja t-titolu tieghu ta' hamsa u ghoxrin sehem f'*Sliema Properties Ltd* lil Dottor Rene' Frendo Randon.

"Minkejja li l-Ordinanza dwar Socjetajiet Kummercjali (Kap. 168) tipprojbixxi kumpannija milli tirregistra trasferiment ta' azzjonijiet ta' kumpannija jekk ma jkunx inghata lill-kumpannija dokument regolari tat-trasferiment jew kopja awtentika tieghu, jirrisulta illi gie registrat fil-kotba tal-kumpannija *Sliema Properties Ltd*, kif ukoll fir-registru ta' l-istess kumpannija mar-Registratur tal-Kumpanniji, allegat trasferiment bejn l-attur u l-konvenut Dottor Rene' Frendo Randon.

"Minkejja l-premess u dejjem *ad insaputa* ta' l-attur, jirrizulta illi permezz ta' skrittura privata datata 14 ta' Frar, 1995 hawn annessa u immarkata Dok. F, Dottor Rene' Frendo Randon *de proprio inter alia* ittrasferixxa 24 sehem fi *Sliema Properties Ltd* innumerati 901 sa 924 *a favur* ta' *G.R.A.P. Limited,* filwaqt li s-sehem markat bin-numru 925 gie assenjat mill-istess Dott. Frendo Randon *a favur* ta' l-konvenut Reginald Fava proprju.

"F'ebda mument Dott. Rene' Frendro Randon ma kellu dritt jew titolu fuq l-isthma enumerati 901 sa 925 fis-

socjeta` *Sliema Properties Ltd*. u jsegwi ghalhekk illi Dott. Frendo Randon biegh isthma appartenenti lill-attur minghajr ma kellu ebda titolu validu ta' l-istess isthma billi dawn baqghu dejjem proprjeta` ta' l-attur.

"Konsegwenza tal-premess, l-allegat trasferiment ta' l-isthma numerati 901 sa 925 f'*Sliema Properties Limited* minn Dottor Rene' Frendo Randon *a favur* ta' *G.R.A.P. Limited* u Reginald Fava rispettivament qatt ma sehh u li kwindi huwa null u bla effett billi l-attur kien u jibqa' titolarju ta' l-isthma enumerati 901 sa 925 fi *Sliema Properties Limited*, li llum giet inkorporata fis-socjeta` *G.R.A.P. limited*.

"Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

"(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attur f'ebda mument materjali ma ttrasferixxa jew assenja l-hamsa u ghoxrin sehem enumerati minn 901 sa 925 fis-socjeta` *Sliema Properties Ltd*, liema socjeta` illum giet ammalgamata mas-socjeta` *G.R.A.P. Limited*, lill-konvenut Dottor Rene' Frendo Randon u li kwindi s-socjeta` *Sliema Properties Ltd*. ma kellha l-ebda dritt tirregistra ebda trasferiment li allegatament sar *a favur* ta' l-istess konvenut Dottor Rene' Frendo Randon;

"(2) Tiddikjara u tiddeciedi illi konsegwentement kwalunkwe trasferiment li seta' sar bejn l-Avukat Dottor Rene' Frendo Randon *a favur* ta' *G.R.A.P. Limited* u Reginald Fava rispettivament permezz ta' l-iskrittura privata tal-14 ta' Frar, 1995 huwa null u bla effett;

"(3) Tiffissa zmien qasir u perentorju, taht dawn il-provvedimenti li jidhrilha xierqa, li fih l-konvenuti *G.R.A.P. Limited* u/jew Reginald Fava, Maria Aurora Fava, Pierre Fava u Graziella Fava, jikkancellaw mir-registri tal-kumpannija *G.R.A.P. Limited* kwalunkwe riferenza ghall-allegat trasferiment bejn l-attur u Dottor Rene' Frendo Randon tal-hamsa u ghoxrin sehem f'*Sliema Properties Ltd* u minnflok jergghu jirreintegraw bhala azzjonista u titolarju f'numru ta' isthma li jirrifletti l-hamsa u ghoxrin

sehem li l-attur kellu f'*Sliema Properties Limited* tenut kont l-istruttura attwali tal-kapital esistenti ta' *G.R.A.P. Limited*, u biex jaghmlu l-atti necessarji kollha sabiex ir-registru tal-membri, kif ukoll l-inkartament kollu relattiv ghall-istess socjeta`, inkluz id-dokumenti ufficjali registrati mar-

"Registratur tas-Socjetajiet, jigu modifikati biex jirriflettu l'fuq imsemmija ordni tal-Qorti;

"(4) Tinnomina kuratur sabiex fin-nuqqas li l-konvenuti jottemporaw ruhhom ma' dak li tiddeciedi l-Qorti skond it-tielet talba attrici, jaghmel dawk l-atti kollha necessarji hu ghan-nom tal-konvenuti jew min minnhom f'hin u lok li ghandhom jigu stabiliti minn dina l-Qorti;

"Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, inkluzi dawk tal-protest tas-7 ta' Jannar, 2002, u li jibqghu ingunti ghas-subizzjoni.

"Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Dr. Rene' Frendo Randon li *in forza* taghha hu eccepixxa illi:

"1. Il-preskrizzjoni *ai termini* ta' l-artikolu 1224 tal-Kodici Civili (Kap 16).

"2. Il-preskrizzjoni *ai termini* ta' l-artikolu 2156 (f) ta' l-istess Kap 16.

"3. Minghajr pregudizzju ghal fuq espost l-attur ghandu jesibixxi kopja ta' l-allegat *transfer of shares* bejnu u laventi kawza tieghu.

"4. Minghajr pregudizzju ghal fuq espost t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes billi fil-11 ta' Settembru, 1995 *Sliema Properties Limited* giet *"merged"* mas-socjeta` *GRAP Limited* u l-attur kellu zmien stipulat ta' tlett xhur biex iqajjem xi oggezzjoni. Illi l-attur naqas li iqajjem kwalunkwe oggezzjoni u ghalhekk l-azzjoni hija nsostenibbli.

"5. Minghajr pregudizzju ghal fuq espost d-domandi attrici huma infondati u bla bazi fil-fatt u fid-dritt billi l-25 sehem

ta’ l-attur gew debitament trasferiti mill-attur lil Dr. Rene’ Frendo Randon.

“Salvi eccezzjonijiet ohra.

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti *G.R.A.P. Ltd*, Reginald Fava, Maria Aurora Fava, Pierre Fava u Graziella Fava li *in forza* taghha huma ecepew illi:

“1. L-eccipjenti Maria Aurora Fava, Pierre Fava u Graziella Fava, ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju *stante* li fl-ebda stadju ma kellhom involviment, u lanqas ma hu qed jigi allegat li kellhom xi involviment, fit-trasferimenti ta’ l-isthma mertu tal-kawza u ghaldaqstant m’humiex il-legittimu kontradditturi.

“2. Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-azzjoni attrici hija preskritta ghat-tenur ta’ l-artikolu 1224 u/jew l-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili (Kap. 16).

“3. Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, kwalunkwe pretensjoni li seta’ kellu l-attur giet perenta bl’eghluq ta’ tlett xhur mill-avvizi ippublikati *in konnessjoni* ma’ l-amalgamazzjoni skond id-disposizzjonijiet relevant sew ta’ l-ordinanza dwar Socjetajiet Kummercjali (Kap. 168) kif ukoll ta’ l-att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386).

“4. Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, ir-registrazzjoni ta’ l-amalgamazzjoni tikkostitwixxi prova konkluziva tal-harsien tal-kundizzjonijiet li jirrigwardaw l-imsemmija registrazzjoni u ta’ kull haga precedenti u incidentali ghall-istess inkluz l-identita’ ta’ l-azzjonisti tas-socjetajiet *in kwistjoni*.

“5. Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-azzjoni attrici li hija ntiza biex l-attur isir azzjonista tas-socjeta` konvenuta *G.R.A.P. Limited* hija nsostenibbli *stante* li l-allegat dritt vantat mill-attur, kif jirrizulta mill-premessi tac-citazzjoni, jirrigwarda isthma fis-socjeta` *Sliema Properties Ltd* u mhux fis-socjeta` *G.R.A.P. Limited*.

"6. Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-azzjoni attrici li hija ntiza biex l-attur isir azzjonista tal-kumpannija konvenuta *G.R.A.P. Limited* hija nsostenibbli ghaliex effettivament l-attur qed jippretendi li jippartecipa f'relazzjoni kontrattwali ma' l-azzjonisti ta' l-imsemmija *G.R.A.P Limited* meta jonqos wiehed mir-rekwiziti essenzjali ghall-ezistenza ta' relazzjoni kontrattwali u *cioe`* il-kunsens tal-kontraenti li f'dan il-kaz huma l-eccipjenti Reginald Fava, Maria Aurora Fava, Pierre Fava u Graziella Fava u *cioe`* l-azzjonisti ta' l-istess socjeta` u dan partikolarment meta huwa evidenti anke mill-istatut ta' l-istess socjeta` li r-*ratio* socjali taghha hija ta' *"family company"*.

"7. Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-eccipjenti *G.R.A.P. Limited* u Reginald Fava akkwistaw l-isthma ta' *Sliema Properties Limited* minghand min kien, skond id-dokumenti, ir-registri u l-kotba ta' l-istess socjeta` u anke skond id-dokumenti publici, l-azzjonisti registrati ghar-rigward l-istess isthma ghal numru ta' snin konsiderevoli.

"8. Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li mill-fatti jirrizulta li l-isthma *in kwistjoni* kienu effettivament jappartjenu lill-konvenut l-iehor Dottor Rene' Frendo Randon.

"9. Dejjem u fi kwalunkwe kaz, u dan qed jinghad strettament minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l'ohra, l-attur irid jipprova t-titolu tieghu ghall-isthma *in kwistjoni*.

"10. Salvi eccezzjonijiet ohra.

"Ikkunsidrat;

"Jirrizulta mill-provi li l-blokk ta' appartamenti maghruf bhala *"Dinmore Court"* gewwa tas-Sliema, kien proprjeta` tas-socjeta` *Sliema Properties Ltd*., liema kumpanija kienet *"a family company"* immexxija minn Colin Murray u

membri tal-familja tieghu. L-attur kien kera ufficcju f'dan il-blokk, u waqt l-uzu ta' dak l-ufficcju, iltaqa' u sar habib ta' Colin Murray.

"L-attur beda jassisti lis-Sur Murray fl-amministrazzjoni tal-blokk, u f'certu zmien, Murray xtaq li jkompli juza s-servizzi ta' l-attur fuq bazi aktar formali, u ghal dan il-ghan offrielu post ta' direttur fil-kumpannija *Sliema Properties* biex b'hekk l-involviment ta' l-attur ikun aktar dirett u formali. Murray offra li flok ihallas lill-attur ghal dan is-servizz, jaghti lill-attur l-uzu b'xejn ta' appartament fl-istess blokk u dan biex l-attur juzah bhala mahzen ghall-merkanzija tan-negozju tieghu, hamsa u ghoxrin sehem fil-kumpannija *Sliema Properties Ltd*. L-attur accetta din il-proposta, u filwaqt li ha f'idejh l-appartament, Murray ha hsieb il-proceduri mehtiega biex jigu rregistrati l-25 sehem fuq isem l-attur u biex l-istess attur jinhatar direttur tal-kumpannija. Fil-fatt, gew trasferiti fuq isem l-attur il-25 sehem li precedentement kienu jinsabu registrati fuq isem certu George Duncan Simmonds. L-attur inhariglu certifikat datat 3 ta' Lulju, 1975, li kien juri li hu kien titolari ta' 25 sehem fil-kumpanija *Sliema Properties Ltd.,* u kopja ta' dan ic-certifikat tinsab esebita mill-attur, *pero`* m'ghandux kopja tat-*transfer document* innifsu u ma jafx li qatt iffirma tali dokument.

"L-attur, bhala direttur tal-kumpanija u *de facto* amministratur tal-blokk maghruf bl-isem ta' *"Dinmore Court"*, ha f'idejh l-amministrazzjoni tal-blokk ta' appartamenti u baqa' jaghti dan is-servizz minn Lulju 1975 sa Dicembru, 1984.

"F'Ottubru/Dicembru, 1984, l-attur kien htieglu jaghmel zmien imsiefer fi Spanja, u peress kien se jkun ftit granet biss hawn Malta, ikkomunika mas-Sur Murray u qallu li ma setghax aktar jibqa jaghmel xoghol ta' amministrazzjoni tal-blokk u, ghalhekk, xtaq jinhall mill-ftehim billi jirrizenja minn direttur tal-kumpanija. Fil-fatt, baghat l-ittra tar-rizenja tieghu lis-Sur Murray gewwa l-Ingilterra, u telaq lejn Spanja. L-attur jichad li hu ceda l-isthma fil-kumpanija, jew li iffirma xi awtorizazzjoni biex l-isthma

tieghu jkunu jistghu jinbieghu.  Hu qal li baqa' azzjonist, izda kien irrizenja biss mill-posizzjoni ta' direttur.

"Bejn l-1984 u l-1991, l-attur ghix Spanja, izda f'dak il-perjodu kien gieli jinzel Malta ghal-btala, u xehed li f'zewg okkazzjonijiet minnhom meta kien Malta, kien mar jivverifika fir-Registru tal-Kumpaniji biex jara jekk l-isthma tieghu kienux ghadhom fuq ismu.  Hu kien isib li kollox baqa' kif kien u ma ghamel xejn aktar.  Meta gie lura Malta ghal-habta ta' Dicembru, 1990, kien rega vverifika l-posizzjoni ta' l-ishma tieghu, u rega sab li dawn kienu fuq ismu.  Dwar dawn il-verifiki, l-Qorti tinnota li l-attur ma semma xejn dwarhom fl-affidavit li hu ressaq, u kien biss meta xehed *in kontro-ezami* li indika dan.  *Inoltre,* jirrizulta li, bhala fatt, fl-1990 l-ishma *in kwistjoni* kienu gia registrati fuq isem Dr.  Frendo Randon.

"Bejn l-1991 u l-1997 ma jidhirx li l-attur ghamel xi verifiki ohra dwar l-ishma tieghu.  F'Lulju tal-1997, l-attur inzerta ltaqgha mal-konvenut Reginald Fava fil-blokk ta' l-appartamenti, u fid-diskussjoni li zviluppat, inqalghu xi differenzi u l-konvenut Fava qal lill-attur li hu (jigifieri lattur) ma kellux dritt ikun f'dak il-blokk.  L-attur wiegbu li bhala azzjonista, kellu kull dritt ikun fil-blokk, izda s-Sur Fava wiegbu li hu, jigifieri l-attur, ma kienx azzjonist.  L-attur mar jivverifika l-posizzjoni fir-Registru tal-Kumpanniji, u sab li l-isthma li kellu gew, fl-1989, registrati fuq isem Dr. Frendo Randon, u li fl-1995, dawn l-istess ishma gew trasferiti fuq il-konvenuti Fava u l-kumpannija taghhom, *G.R.A.P.  Ltd.*

"L-attur beda jindaga dwar kif sehh it-*transfer* minnu ghal fuq Dr.  Frendo Randon, izda kull ma seta jigi rintraccjat kienet rizoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi tal-kumpannija *Sliema Properties Ltd*.  mehuda f'Dicembru tal-1986, fejn il-Bord approva t-*transfer* li kien sar mill-attur *a favur* Dr. Rene' Frendo Randon.  L-attur cahad li hu qatt ta l-kunsens tieghu ghat-*transfer* tas-*shares* tieghu favur Dr. Frendo Randon.

"Dr.  Frendo Randon, min-naha l-ohra, xehed li kien midhla sew ta' Colin Murray, u kien ghamel zmien ukoll

direttur tal-kumpannija *Sliema Properties Ltd*; fil-fatt, kien hemm zmien meta d-diretturi tal-kumpannija kienu Dr. Frendo Randon u l-attur flimkien. Hu qal li ghall-habta tal-1986, Ethel u Colin Murray kienu urewh *blank transfer form* iffirmata mill-attur, u bi ftehim mal-bord tad-diretturi, kien dawwar dawk l-isthma ghal fuqu. Il-membri l-ohra tal-kumpanija kienu irrinunzjaw ghal-*pre-emption rights* li kellhom fuq dawk isthma, u kienu wkoll approvaw it-*transfer* li sehh favur Dr. Frendo Randon. Dr. Frendo Randon ikkonferma li hu kien ra u iffirma t-*transfer document* u ghaddieh lis-Sur Colin Murray. Sfortunatament dan id-dokument, hekk importanti, ma nstabx. Eventwalment, meta l-familja Murray iddecidiet li tbiegh il-blokk ta' appartamenti *in kwistjoni*, hu, bhala l-Avukat tal-kumpannija, kien innegozja u ha hsieb it-*transfer* ta' l-isthma kollha f'*Sliema Properties Ltd* ghal-fuq il-konvenuti Fava u l-kumpanija *G.R.A.P. Ltd,* li hi kumpannija tal-familja Fava. Eventwalment, il-familja Fava amalgamat is-socjeta` *Sliema Properties Ltd*. Fis-socjeta` *G.R.A.P. Ltd,* u l-kumpannija *Sliema Properties Ltd.* ma baqghetx tezisti aktar.

“Jirrizulta ukoll li s-Sur Colin Murray kien izomm registru bl-ismijiet ta' l-azjonisti ta' *Sliema Properties Ltd,* izda dan ir-registru wkoll ma nstabx. Is-Sur Colin Murray illum hu mejjet u dan ir-registru ma nstabx fost il-karti tieghu mill-familjari tieghu.

“L-attur f'dawn il-proceduri qed jirreklama li l-25 sehem li kienu gew moghtija lilu mis-Sur Colin Murray kienu u baqghu tieghu, u li hu qatt ma ittrasferixxa jew irrinunzja ghal dawn l-isthma.

“Il-konvenuti, fl-ewwel lok, eccipew l-preskrizzjoni ta' hames snin *a bazi* ta' l-artikoli 1224 u 1256(f) tal-Kodici Civili. L-artikolu 1224 jippreskrivi terminu ta' hames snin ghal kull azzjoni ta' rexxissjoni ta' obbligazzjoni mhux milquta b'terminu aqsar. Il-Qorti tqies li din il-preskrizzjoni mhux applikabbli, ghax titkellem fuq rexxissjoni ta' obbligazzjoni, u r-rexxissjoni huwa dritt moghti lill-kontroparti li thassar kuntratt. Id-dritt ta' rexxissjoni mhux dritt moghti lit-terz biex ihassar kuntratt li fih hu ma kienx

parti, u fil-fatt, l-attur, bhala terz allegatament estraneu, mhux qed jitlob li t-trasferiment jigi mhassar ghax difettuz, izda qed jitlob dikjarazzjoni li kull trasferiment li sar lil Dr. Frendo Randon huwa null ghax ma sarx minnu bhala proprjetarju ta' l-ishma. Li azzjoni ta' rexxissjoni ta' obbligazzjoni tmiss biss lill-kontraenti gie konfermat mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza "Zammit Tabona et vs Grech noe et", deciza fis-7 ta' Mejju, 1986 u mill-guristi Ricci, (*"Diritto Civili"*, Vol VI Titolo IV para. 348), u Giorgi (*"Delle obbligazzjioni"*, Vol. VII para. 146,). Peress li l-attur qed jghid li hu ma kienx parti fil-*"kuntratt"* impunjat, din il-preskrizzjoni mihiex applikabbli.

"Lanqas ma hi applikabbli ghal-kaz il-preskrizzjoni reklamata ta' hames snin *a tenur* ta' l-artikolu 2156(f). Dak l-artikolu jitkellem fuq l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditur li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra. Din mhix kawza ghal-hlas ta' xi kreditu, u ghandha aktar in-natura ta' *actio rei vindicatoria*, ghax hija kawza li fiha l-attur qed jirrivendika l-proprjeta` tieghu (ara, bhala ezempju, ta' kawza ta' rivendika ta' mobbli l-kawza "Marotta vs Brincat", deciza minn din il-Qorti fis-17 ta' Gunju, 1982).

"*Kwindi*, l-eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni sollevati mill-konvenuti qed jigu it-tnejn respinti.

"Il-konvenuti eccepew ukoll li la darba s-socjeta` *Sliema Properties* giet amalagamata fis-socjeta` *G.R.A.P. Limited*, u l-attur ma oggezzjonax fit-terminu preskritt bil-ligi, l-azzjoni ta' l-attur hi issa insostenibbli. Il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument, peress li l-azzjoni attrici mhux intentata li tattakka l-amalgamazzjoni, izda biex tirrivendika l-isthma li kienu fuq isem l-attur. X'jista jirrizulta jekk l-attur jirnexxi fl-azzjoni, huwa irrilevanti ghal-fini ta' din il-kawza li hi limitata ghall-akkwist tal-pussess ta' l-isthma li l-attur jallega ghadhom proprjeta` tieghu. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Paris et vs Maltacom", deciza fis-7 ta' Ottubru, 2004, kull eccezzjoni, inkluzi dawk ta' preskrizzjoni, iridu jigu kkunsidrati fil-kuntest ta' l-azzjoni kif proposta; il-fatt li l-akkoljiment tat-talba jista' jkollu l-effetti ohra (per ezempju, ta' hlas ta' danni) ma jaghmilx

applikabbli ghal dik l-azzjoni, eccezzjonijiet li m'humiex direttament marbuta ma' l-azjoni kif proposta.

"*Kwindi*, r-raba' eccezzjoni tal-konvenut Dr. Frendo Randon u t-tielet u r-raba' eccezzjoni tal-konvenuti l-ohra, qed jigu michuda bhala li huma inapplikabbli ghal-kaz.

"Dwar il-meritu, l-Qorti jidhrilha li t-talba attrici ma tistax tigi milqugha, u dan ghal-diversi ragunijiet. Hu veru li t-*transfer document* ta' l-isthma favur Dr. Frendo Randon ma gietx esebita, *pero`*, dan ma jfissirx li dik qatt ma esistiet. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Richardson noe vs Cassar et", deciza fit-13 ta' Mejju, 1983, meta ftehim jirrizulta minn kitba li tkun saret bejn il-partijiet, ghandha tigi prodotta dik il-kitba bhala li hija l-ahjar prova. Imma jekk il-kitba tkun ntilfet u, ghalhekk, ma tistax tingieb quddiem il-Qorti, il-prova tista issir b'mezzi ohra, bhal ma huma x-xhieda, biex jigi stabilit il-kontenut tad-dokument li ntilef, kemm-il darba il-Qorti tkun sodisfatta li dak id-dokument xi darba ezista u li tassew ma jistax jinstab.

"F'dan il-kaz, il-Qorti ghandha x-xhieda ta' Dr. Rene' Frendo Randon li qal b'mod kattegoriku li hu kellu f'idejh *blank transfer form* iffirmata mill-attur. L-attur jichad li hu qatt iffirma tali formola, *pero`* , l-Qorti hija mhux biss propensa taghti aktar kredibilita' lil Dr. Frendo Randon, imma wkoll tqiesha ftit improbabbli li s-Sur Murray kien se jhalli dawn is-*shares* f'idejn l-attur, meta l-arrangament li kellhom gie terminat mill-attur meta dan kellu bzonn jirrisjedi ghall-zmien twil barra minn Malta. L-attur inghata r-responsabilita' li jiehu hsieb il-blokk ta' *flats* bl-isem ta' *"Dinmore Court"*, u bhala korrispettiv inghata l-uzu ta' flat u 25 *share*. Meta l-attur telaq lejn Spanja, hu waqaf milli jkollu kwalunkwe partecipazzjoni jew interess fil-blokk, irrilaxxja l-pussess ta' l-appartament li tieghu kellu biss l-uzu u irrizenja minn direttur tal-kumpannija; il-Qorti difficli taccetta, li l-attur thalla jibqa' jgawdi s-*shares*, issa, ta' xejn. Il-kumpannija *Sliema Properties Ltd*, kienet kumpannija tal-familja Murray, u Colin Murray kien, milli jidher, juza dawk il-25 isthma biex jaghtihom lill-min ikun qed jaghti servizz lill-kumpannija. L-ewwel kienu fuq certu Sur Simmonds, u wara l-attur, daru fuq Dr. Rene' Frendo

Randon li kien qed jiehu hsieb il-blokk ta' appartamenti meta l-attur telaq lejn Spanja. Is-Sur Murray, li kien professjonist u fil-*business*, zgur li ma kienx se jhalli isthma fil-kumpannija tieghu f'idejn persuna li ma kellha x'taqsam xejn u ma kienet qed taghti xejn lill-kumpannija. Is-*shares* ma kienux investiment mill-attur, izda parti mill-korrispettiv tas-servigi minnu rezi, u l-Qorti tifhem li darba dawn is-servigi waqfu, is-Sur Murray ha l-briga jassigura li dawk is-*shares* jergghu jkunu *a disposizzjoni* tieghu. Wisq probabbli, s-Sur Murray talab u ottjena firma fuq il-*blank transfer form* meta ikkonkretizza l-ftehim ma' l-attur, u dan biex ikun jista' jirregola ruhu f'kaz li r-relazzjoni tiehu xejra differenti minn dik mistennija. Jista' jkun li l-attur nesa li kien awtorizza t-*transfer of shares*, *pero*`, l-Qorti tara li tali awtorizazzjoni inghatat.

"Apparti dan, anke jekk ma saretx awtorizazzjoni, jirrizulta li l-isthma gew registrati fuq Dr. Frendo Randon fl-1989, u sal-1997, aktar minn 8 snin shah, l-attur ma ressaq ebda oggezzjoni; dan l-agir ghandu jfisser, fil-fehma tal-Qorti, li *da parti* ta' l-attur kien hemm rinunzja ghal-dawk l-isthma. Fil-fatt, mhux biss jirrizulta li min meta telaq lejn Spanja fl-1984, l-attur ma baqax aktar involut fil-kumpanija u fl-amministrazzjoni tal-blokk, izda l-istess kumpannija, tista' tghid, *"abbandunatu"*, fis-sens li lanqas kienet tibghatlu korrispondenza u lanqas informazzjoni dwar il-kumpannija jew avvizi ghal xi laqgha tal-kumpannija. *Nonostante* dan, l-attur qatt ma interessah ikun jaf x'inhu jigri fil-kumpannija u ghalhiex qatt ma irceiva xejn fuq il-kumpannija u ma kienx qed jigi avvzat bil-laqghat ta' l-azzjonisti tal-kumpannija. Qatt ma ivverifika dwar jekk il-kumpannija kienetx qed taghmel qliegh, jew jekk ghandux dritt ghal xi *dividends* fuq is-*shares* li kellu. Jekk il-kumpannija *"abbandonatu"*, hu abbanduna lill-istess kumpannija u ma kien jimpurtah xejn dwarha. Anke meta rritorna Malta fl-1990, dam seba' snin shah billi la ressaq lejn ir-*Registry of Partnerships* biex jiccekkja fuq il-kumpannija, u lanqas ma avvicina lill-Dr. Frendo Randon biex jitlob informazzjoni dwar il-kumpannija u l-blokk. Meta nbieghu xi appartamenti mill-blokk, ukoll ma interessahx dwar in-negozju, u lanqas ma ra jekk hu, bhala azzjonista, kienx intitolat ghal xi sehem mir-rikavat. In-nuqqas ta' interess u

azzjoni mill-attur, ma jistghux jigu mfissra b'mod iehor hlief li hu abbanduna kull dritt li kellu fuq l-istess. Kif qalet l-Onorabbli Qorti ta' l-appell fil-kawza "La Rosa vs Galea", deciza fit-30 ta' Gunju, 1958, huwa principju li *"qui tacet cum loqui potuit et debuit consentire videtur"*, u, kompliet tghid dik l-Onorabbli Qorti, *"jekk il-mandant kien jaf, jew seta' jinduna u nduna, li l-mandatarju ecceda l-limiti tal-mandat, u hallieh ikomplieh u jezegwieh, allura jigi li rratifika l-operat tieghu"*.

"Applikat dan il-pricipju ghal-dan il-kaz, l-attur kien jaf jew seta' facilment ikun jaf li l-isthma ma baqghux fuq ismu, u la halla lil Dr. Frendo Randon mhux biss jibqa' fil-pussess ta' dawk l-isthma, imma anke li jinnegozjhom, hu ghandu jitqies li irrinunzja ghal-kull dritt fuq dawk l-isthma, (ara wkoll "Vella vs Camilleri", deciza minn din il-Qorti fid-19 ta' Marzu, 1957, fejn ukoll gie accettat l-principju li titolar ta' dritt jista' jitlef dak id-dritt jekk kien jaf jew seta jkun jaf bl-opposizzjoni li saret ghad-dritt tieghu, u ma jaghmel xejn).

"Intqal ukoll li jkun hemm rinunzja meta dak li jkun ihalli stat ta' fatt jipprogredixxi minghajr ma jagixxi ghad-dritt tieghu – "Calleja vs Sciortino", deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-appell (Sede Inferjuri) fit-30 ta' Novembru, 1971.

"Kawza ohra importanti *in subjecta materja* hi "Buhagiar vs Dandria", deciza minn din il-Qorti fil-31 ta' Lulju, 1923. F'dik il-kawza, l-Qorti osservat li biex ikun applikabbli l-principju ta' *"qui tacet quam loqui potuit et debuit"* iridu jikkonkorru tlett rekwiziti:

"*(i) scienza del silente del fatto altrui;*

"*(ii) possibilita` del silente – sciente di dissentire;*

"*(iii) la liceita` del fatto di fronte al silente, nel senso che tale fatto non sia condannato da una legge penale.*

"F'dan il-kaz, dawn ir-rekwiziti jezistu, ghax l-attur kellu *"constructive knowledge"* tat-trasferiment ta' l-isthma ghal fuq Dr. Frendo Randon, kellu l-possiblita` li joggezzjona, u l-att ta' trasferiment ma hux kundannabbli bil-ligi

kriminali. L-attur *kwindi*, ghandu jitqies li irrinunzja ghall-kull interess li kellu f'dawk l-isthma.

"Kaz iehor fejn dan il-principju gie applikat hawn Malta huwa l-kaz "Testaferrata Bonici vs Bianchi et", deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-appell fl-24 ta' April, 1992. Dak kien kaz fejn l-atturi, f'isem il-*Catholic Women's League*, kienu jikru fondi gewwa l-Belt fejn kienu jaghmlu l-laqghat taghhom. Darba minnhom, is-sid biegh il-fond lill-terz bil-pussess vakant. Dan dahal fil-fond, nehha l-ftit ghamara li sab, irranga u ameljora l-fond ghall-htigijiet tieghu. Wara xi sentejn, l-atturi resqu *Protest* biex jirriklamaw lura l-pussess tal-fond. Gie osservat, *pero*`, li tul iz-zmien li l-fond kien qed jigi rrangat, l-atturi ma kienu ghamlu xejn u l-Onorabbli Qorti kkonfermat is-sentenza ta' prim istanza li kienet osservat li l-atturi ma kellhomx dritt ghal reintegrazzjoni, peress li dik l-inattivita' hija ekkwivalenti ghall-akkwixxenza tacita fit-telfa tal-lokazzjoni.

"Fil-kaz meritu ta' din il-kawza, l-attur mhux biss seta' jkun jaf x'kien qed jigri mis-*shares* tieghu, izda hu stess abbanduna kull interess fihom, u ghalih, jekk kienu jfissru xi haga, kienu biss bicca karta bla skop u utilita'. Din il-Qorti anke ghandha d-dubji dwar kemm l-attur kien jiccekkja li s-*shares* kienu fuq ismu, kif qal li kien jaghmel, ghax, kif inghad, l-attur ma zvelax dawn ic-cirkustanzi hlief in kontro-ezami, u fuq il-verifika li qal li ghamel fl-1999, jidher car li ha *"zball"*. It-turija ta' interess fil-proprjeta` kienet tkun forsi, importanti ghal-kaz ta' l-attur, izda hu naqas li jindikha. *Inoltre*, kieku l-attur kien zamm xi interess f'dawk l-isthma, hija ftit stramba li bejn l-1991 u 1997, l-attur lanqas biss idenja ruhu jiccekkja jekk il-kumpanija kienetx biss ghada tezisti! Huwa principju generali, anke fid-dritt nostrali, li hadd m'ghandu jabbuza mid-drittijiet tieghu, u *"chi ometta di far valere un proprio diritto, tollerando che venga violato o genericamente tenendo un comportamento omissivo, agisce in maniera contraddittoria e sleale se piu' tardi pretende di esercitarlo, e la buona fede impone di considerarlo decaduto"* – Ranieri, *"Rinuncia Tacita e Verwirkung*" (CEDAM 1971 pag. 26).

“Min jagixxi biex jezercita d-drittijiet tieghu wara zmien twil ta’ nuqqas ta’ agir jew ta’ attitudini passiva, ikun qed jagixxi in kuntrast ghal-principju li hadd ma jista *venire contra factum proprium*. B’dan il-mod, kif jghid, l-imsemmi awtur Ranieri fil-bidu tat-trattat tieghu, *“agisce abusivamente chi pretende di far valere un proprio diritto dopo averne inspiegabilmente ritardato l’esercizio suscitando cosi’ nella controparte la giustificata aspettativa che il diritto stesso non piu’ stato fatto valere”.*

“Kif intwera, f’dan il-kaz, ghal numru twil ta’ snin, l-attur qatt ma indaga mal-kumpanija fuq l-isthma tieghu, qatt ma ilmenta li ma kienx qed jircievi avvizi tal-laqghat tas-socjeta`, qatt ma ivverifika dwar jekk il-kumpannija kienetx qed taghmel profitti u jekk hu kienx intitolat ghal xi *dividends*, u meta bdew jinbieghu l-assi tal-kumpannija, qatt ma investiga n-negozju jew jekk hu, bhala azzjonista, kienex intitolat ghal xi sehem. Minn 1984 sal-1997, zmien ta’ aktar minn 13-il sena, qatt ma idenja ruhu juri xi interess fil-kumpannija u l-isthma taghha, u meta saret opposizzjoni cara u reali ghat-titolu tieghu, u dan gie registrat mal-kumpannija (u kif inhu maghruf, terz ghandu *“constructive knowledge”*, ta’ l-atti tal-kumpannija – ara “Schembri et vs Gauci et”, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-31 ta’ Ottubru, 1983), l-attur naqas li jzomm fermi d-drittijiet tieghu, u ghalhekk, ikun sleali jekk issa, wara dan iz-zmien kollu, jagixxi biex jipprevali t-titoli tieghu.

“Din il-Qorti mhux se tezamina l-eccezzjonijiet numri hamsa u sitta tal-konvenuti Fava, peress li ma tarax li hemm htiega ghal-dan.

“Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi, mill-kawza, billi tilqa’ l-hames eccezzjoni tal-konvenut Dr. Rene’ Frendo Randon, u tilqa’ wkoll is-seba u t-tmien eccezzjoni tal-konvenuti l-ohra, u tichad it-talbiet kollha ta’ l-attur.

“L-ispejjez tal-kawza jithallsu kwantu ghal-tlett-kwarti (3/4) mill-attur, parti minn tmienja (1/8) mill-konvenut Dr. Rene’ Frendo Randon, u l-parti l-ohra minn (1/8) mill-konvenuti

*G.R.A.P. Limited*, Reginald Fava, Maria Aurora Fava, Pierre Fava u Graziella Fava *in solidum*.

**IR-RIKORS TA' L-APPELL TA' L-ATTUR APPELLANTI**

2. L-attur Anthony Terreni hassu aggravat bis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili moghtija fil-20 ta' Ottubru 2005, u interpona appell minnha. In succint l-aggravji tieghu huma s-segwenti:

(i) in-nuqqas ta' prova in sostenn ta' l-allegat ftehim favur Dottor Rene Frendo Randon;

(ii) il-konsiderazzjoni ta' l-ewwel Qorti illi kien hemm rinunzja tacita da parti ta' l-attur u li ghalhekk kellhu jitqies li huwa rrinunzja ghall-ishma in kwistjoni.

L-attur appellant qieghed ghalhekk jitlob ir-riforma tas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-20 ta' Ottobru 2005, billi filwaqt illi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn irrespingit l-eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni sollevati mill-konvenuti u rrespingit ir-raba' eccezzjoni tal-konvenut Dottor Frendo Randon u rrespengiet it-tielet u r-raba' eccezzjoni tal-konvenuti l'ohra, thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn laqghet il-hames eccezzjoni tal-konvenut Dottor Frendo Randon u fejn laqghet ukoll is-seba' u t-tmien eccezzjoni tal-konvenuti 'l ohra u b'hekk cahdet it-talbiet attrici, billi tichad dawn il-eccezzjonijiet u takkolji minflok t-talbiet attrici.

**IR-RISPOSTA TA' L-APPELLAT DOTTOR RENE` FRENDO RANDON**

3. Skond il-konvenut Dottor Frendo Randon, is-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma. L-appellat issottometta illi l-Qorti ta' l-Appell m'ghandhiex taghmel ri-apprezzament tal-provi u illi l-ewwel Qorti, minhabba l-fatt illi semghet il-verzjonijiet tal-partijiet *viva voce*, kienet f'posizzjoni tajba sabiex tara l-attegjament tal-partijiet u tiddeciedi dwar il-kredibbilita` taghhom. Illi ghalhekk l-ewwel Qorti ghamlet tajjeb meta ddecidiet illi taghti aktar kredibbilita` lill-verzjoni tal-konvenut Dottor Frendo Randon. Illi fl-ahharnett, in-nuqqas ta' interess da

parti ta' l-attur ghal hmistax-il sena kienet turija illi l-attur kien irrinunzja ghad-drittijiet tieghu.

**<u>RISPOSTA TAL-KONVENUTI G.R.A.P. LIMITED, REGINALD FAVA, MARIA AURORA FAVA, PIERRE FAVA U GRAZIELLA FAVA</u>**

4. L-appellati konvenuti surriferiti, min-naha taghhom iwiegbu hekk:

(i) illi in kwantu laqghet il-eccezzjonijiet tal-konvenuti u rrespingiet it-talbiet attrici, s-sentenza ta' l-ewwel qorti ghandha tigi konfermata. Illi izda t-talbiet attrici ghandhom wkoll jigu respinti a bazi ta' l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti GRAP Limited.

(ii) illi fir-rigward l-ewwel aggravju ta' l-appellant, illi jirrigwarda principalment il-konsiderazzjoni ta' l-ewwel qorti dwar id-dokument ta' trasferiment u illi l-ewwel qorti bbazat id-decizjoni taghha l-aktar ghaliex tat aktar kredibbilita` lill-verzjoni tal-konvenut Dottor Frendo Randon milli l-verzjoni ta' l-attur, il-konvenuti GRAP Limited jissottomettu illi l-Qorti ta' l-Appell m'ghandhiex tindahal fil-ezercizzju tad-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fir-rigward ta' l-apprezzament tal-provi u dan ghandu japplika f'dan il-kaz aktar u aktar ghaliex il-konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel qorti rrizultaw wara li semghet ix-xhieda *viva voce*, u li ghalhekk setghet tara hi stess il-komportament tax-xhieda. Skond dawn il-appellati, ma hemmx motivi gravi sabiex il-Qorti ta' l-Appell taghmel ri-apprezzament tal-provi.

(iii) Dwar it-tieni aggravvju ta' l-appellant, illi ma kienx hemm rinunzja da parti ta' l-attur tad-drittijiet tieghu, l-appellati jsostnu illi l-analizi u konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti kienet korretta u partikolarment meta wiehed jikkonstata l-fatt illi ghaddew snin twal mill-mument illi l-ishma gew trasferiti mill-appellant lil Dottor Frendo Randon u sussegwentement lil appellati.

(iv) Fl-ahharnett l-appellati jsostnu illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda anke a bazi ta' l-eccezzjonijiet illi

taw l-appellati b'dana li l-ewwel Qorti ma kellhiex ghalfejn tezaminhom ghaliex kienet laqghet l-eccezzjonijiet l-ohra ta' l-appellati.

## FATTI MERTU TAL-KAWZA

5. Qabel ma tghaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji ta' l-appellanti, din il-Qorti thoss li jkun opportun illi taghti sfond fil-qosor dwar il-fatti mertu tal-kawza in kwistjoni, jigifieri illi:

(i) L-attur appellant kien kera ufficcju fi blokk appartamenti maghruf bhala "Dinmore Court", liema blokk kien proprjeta` ta' socjeta` Sliema Properties Limited. Wiehed mid-diretturi ta' din is-socjeta` kien Colin Murray. L-attur kien iltaqa' ma' Colin Murray u beda jghinu fl-amministrazzjoni ta' dan il-blokk u wara xi zmien Colin Murray kien offra lill-appellant post ta' direttur fis-socjeta` Sliema Properties Limited. L-appellant ma' kienx jithallas bhala direttur izda kellu uzu b'xejn ta' appartament f'dan il-blokk ta' appartamenti u nghata wkoll hamsa u ghoxrin (25) sehem fis-socjeta` Sliema Properties Limited. Dawn l-ishma kienu nnumerati minn 901 sa 925. L-appellant ma hallasx ghal dawn l-ishma;

(ii) Dawn l-ishma gew registrati f'isem l-appellant u nhariglu certifikat fit-3 ta' Lulju 1975;

(iii) L-appellant baqa' direttur ta' din is-socjeta` sa Dicembru 1984, meta minhabba l-fatt illi l-appellant kien se jitlaq minn Malta ghal zmien twil kien informa lil Colin Murray illi hu xtaq jirrizenja minn direttur. L-appellant fil-fatt kien baghat l-ittra ta' rizenja u telaq lejn Spanja;

(iv) L-appellant baqa barra minn Malta sas-sena 1991 u meta gie lura ghamel verifiki mar-Registru tal-Kumpanija sabiex jara x'kienet il-posizzjoni tieghu u jghid illi hu ra illi kien ghadu azzjonist[1];

---

[1] Ara fol. 370-371

(v) L-appellant sar jaf illi ma kienx ghadu aktar azzjonist f'Lulju 1997 u allura beda jiehu l-passi necessarji sabiex jara x'kien gara fis-sena 1999;

(vi) L-appellant jghid illi meta kien imsiefer qatt ma rceva xi korrispondenza u lanqas "dividend" da parti tas-socjeta` Sliema Properties Limited;

(vii) Il-konvenut Dottor Frendo Randon gie appuntat bhala Direttur fis-26 ta' Jannar 1982 u f'dak il-mument ma' kellu l-ebda ishma f'ismu;

(viii) Fil-Annual Returns tas-sena 1989 jidher it-trasferiment ta' l-ishma mill-appellant ghall-appellat Dottor Frendo Randon;

(ix) L-appellat Dottor Frendo Randon jghid illi l-Bord tad-Diretturi kien approva t-trasferiment ta' l-ishma ghaliex kellu s-"share transfer" originali, u li kellu f'idejh "blank share transfer form" iffirmata mill-appellat;

(x) L-istess bhall-appellant, l-appellat Frendo Randon ma hallasx meta huwa akkwista dawn il-hamsa u ghoxrin (25) ishma;

(xi) Permezz ta' skrittura privata datata 14 ta' Frar 1995, l-appellat Dottor Frendo Randon kien ittrasferixxa l-ishma innumerati 901-924 lil GRAP Limited u s-sehem 925 kien gie trasferit lill-appellat Reginald Fava;

(xii) Fil-10 ta' April 1995, sehhet amalgamazzjoni bejn is-socjeta` Sliema Properties Limited u l-appellata GRAP Limited;

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

6. Fl-ewwel aggravju tieghu, l-appellant jistieden lil din il-qorti sabiex terga' taghmel riapprezzament tal-provi li gew prodotti quddiem il-ewwel qorti u partikolarment ghal dak li jirrigwarda l-verzjonijiet illi taw l-istess Terreni u l-appellat Dottor Frendo Randon quddiem l-ewwel Qorti permezz ta' xiehda *viva voce*.

Huwa principju assodat mill-Qrati taghna illi l-evalwazzjoni ta’ xhieda mismughin *viva voce* mill-ewwel Qorti ma tigix disturbata leggerment mill-Qorti ta’ l-Appell jekk mhux ghal xi raguni daqshekk serja illi tiddetta xort’ohra. Dan huwa hekk ghaliex l-ewwel Qorti tkun qeghda f’posizzjoni hafna ahjar sabiex taghrbel, tisma’ u tikkontrolla l-provi migbura quddiemha (Marshall Marcus v. Raymond Aquilina pro. et. deciza minn din il-Qorti fis-6 ta’ Dicembru 2002).

Gie wkoll ritenut illi f’kaz ta’ zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli, dan ghandu jiffavorixxi lill-konvenuti in bazi tal-principju illi *onus probanti incumbit ei qui dicit noe ei qui negat* (vide Prim Awla tal-Qorti Civili, Giordmaina Medici v. Rizzo deciza fil-28 ta’ April 2004)

Fl-ambitu ta’ kredibbilita` u apprezzament ta’ provi, il-kriterju distintiv mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni li tkun inghatat izda jekk dik hijiex wahda verosimili. Huwa mbaghad pacifikament akkolt illi f’kaz ta’ kuntrast mhux kwalunkwe tip ta’ konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f’dak l-istat ta’ perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista tiddeciedi b’kuxjenza kwieta u jkollha taqa’ fuq ir-regola illi *in dubio pro reo* ( Qorti ta’ l-Appell, Sede Inferjuri, Grech v. NMJ Co. Limited deciza fil-14 ta’ Jannar 2004).

7. Assodati dawn il-principji, din il-Qorti b’referenza ghall-fatti ta’ din il-kawza u l-provi illi saru quddiem l-ewwel Qorti ma’ tarax illi hemm motivi serji u gravi sabiex tiddipartixxi mill-konsiderazzjonijiet illi ghamlet l-ewwel Qorti. Meta din il-Qorti rat u ezaminat bir-reqqa x-xiehda kemm ta’ l-appellant u kemm ta’ l-appellati u l-provi dokumentarji illi gew ezebiti, hija waslet ghall-istess konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti. Dan ir-ragunament huwa bbazat fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet illi qeghda taghmel din il-Qorti:

(1) L-ewwelnett, jidher kjarament illi dawn l-ishma li jinsabu numerati minn 901 sa 925, intuzaw minn Colin Murray bhala direttur tas-socjeta` Sliema Properties

Limited, liema socjeta` kienet socjeta` privata, bhala forma ta’ kumpens lil persuni illi kienu se jaghtu kontribut lis-socjeta` tieghu. Fil-fatt qabel ma dawn l-ishma gew registrati f’isem l-appellant Terreni, dawn kienu f’isem certu Simmons, meta dan l-istess Simmons kien direttur tas-socjeta`. Meta mbaghad Simmons telaq bhala direttur, dawn l-ishma gew in segwitu ttrasferiti minn Simmons ghal fuq Terreni minghajr ma sar ebda hlas ghalihom u minghajr ma giet iffirmata l’ebda *share transfer form*. Sussegwentement l-appellant Terreni rrizenja minn direttur fil-31 ta’ Dicembru 1984 u telaq minn Malta u mar jghix Spanja. Fil-frattemp, fis-sena 1982, l-appellat Dottor Frendo Randon kien gie nominat bhala wiehed mid-diretturi u mill-Annual Accounts tas-socjeta` Sliema Properties Limited jirrizulta illi fis-sena 1989, dawn l-istess ishma li kienu f’isem l-appellant Terreni gew mill-gdid ittrasferiti fuq l-appellat Frendo Randon. Jirrizulta mix-xiehda tal-appellat Frendo Randon illi anke f’dan il-kaz ma kien hemm ebda hlas da parti tieghu ghat-traskeriment ta’ dawn l-ishma.

(2) It-tieni konsiderazzjoni illi qeghda taghmel din il-Qorti, tirrigwarda l-fatt illi kif xehed l-istess appellant, matul is-snin illi huwa kien msiefer u anke meta rritorna Malta fis-sena 1991, huwa qatt ma rcieva xi komunikazzjoni da parti tas-socjeta` Sliema Properties Limited, jigifieri huwa qatt ma’ rcieva “dividend” jew avvizi dwar laqghat ta’ “shareholders” jew dik il-korrispondenza illi normalment jircievi azzjonista ta’ socjeta`.

(3) It-tielet konsiderazzjoni ta’ din il-Qorti tirreferi ghall-inattivita` ta’ l-appellant – liema konsiderazzjoni ghalhekk tuniforma ruhha mal-konsiderazzjonijiet ta’ l-ewwel Qorti rigward ir-rinunzja tacita illi kien hemm da parti mill-appellant. L-appellant xehed illi meta rritorna Malta fil-1991, kien ikkontrolla mar-Registru tal-Kumpannija dwar is-sitwazzjoni tieghu fis-socjeta` Sliema Properties Limited u sab illi dawn l-ishma kienu ghadhom rregistrati fuq ismu. Hu kompla jixhed illi sar jaf illi ma kienx aktar azzjonista f’Lulju tal-1997 u dan bhala rizultat ta’ konversazzjoni ma’ l-appellat Reginald Fava u jkompli jixhed li kien biss f’Settembru tas-sena 1999 illi staqsa ghal aktar

informazzjoni dwar x'kien gara lil PriceWaterHouse Cooper.

Din il-Qorti tikkonsidra li din ix-xiehda hija centrali u ta' importanza kbira f'dak li jirrigwarda l-kreddibilita` o meno ta' l-appellant. Kif jidher mill-Annual Accounts tas-socjeta` Sliema Properties Limited, it-trasferiment ta' dawn l-ishma gie rregistrat fis-sena 1989 – allura d-domanda tohrog wahidha: kif jista' jkun illi meta l-appellant mar jikkontrolla mar-Registratur tal-Kumpaniji dan it-trasferiment ma rrizultalux? X'kienet ir-raguni li l-appellant dam imbaghad sentejn biex isaqsi dwar x'kien gara fil-frattemp, jigifieri mill-1997 sal-1999?

Dawn il-konsiderazzjonijiet kollha mehudin flimkien iwasslu din il-Qorti sabiex taqbel mal-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti, jigifieri illi l-verzjoni tal-fatti ta' l-appellat Dottor Frendo Randon hija aktar kredibbli minn dik ta' l-appellant Anthony Terreni.

8. Din il-Qorti issa se tikkonsidra l-*blank share transfer form* illi l-appellat Dottor Frendo Randon isemmi fix-xiehda tieghu u illi jghid illi kienet iffirmata mill-appellant. L-appellant jikkontesta l-fatt illi l-ewwel Qorti ddecidiet illi taccetta din il-verzjoni moghtija mill-appellat.

Din il-*blank share transfer form* trid tigi kkonsiderata fil-kuntest tal-provi kollha illi saru quddiem l-ewwel Qorti. Ghalhekk qeghda ssir riferenza ghal xi dokumenti u provi illi gew ezibiti sabiex il-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti jigu mifhuma ahjar.

9. Ghal dak li jirrigwarda d-dokumenti illi fil-fatt gew ezibiti, a fol. 12 tal-process, hemm ir-risoluzzjoni tas-socjeta` Sliema Properties Limited fejn jidher li gie approvat u registrat it-trasferiment ta' ishma mill-appellant Terreni ghall-appellat Dottor Frendo Randon. Dan id-dokument huwa ffirmat mill-erba' diretturi ta' dak iz-zmien, jigifieri Athol Murray, Colin Murray, Gordon Murray u Dottor Frendo Randon. A fol. 13 tal-process, wiehed imbaghad ssib dokument fejn l-azzjonisti tas-socjeta` qeghdin jiddikjaraw li mhumiex qeghdin joggezzjonaw

ghat-trasferiment ta' dawn l-ishma. A fol. 251 tal-process imbaghad hemm registrat fl-Annual Returns tas-socjeta` Sliema Properties Limited it-trasferiment ta' l-ishma mill-appellant ghal fuq l-appellat.

Din il-Qorti f'dan l-istadju tirreferi wkoll ghall-fatt illi Sliema Properties Limited kienet socjeta` privata u li ghalhekk ghandhom japplikaw l-artikoli ta' l-Att tal-Kumpannija relativi ghal socjeta` privata u partikolarment il-fatt illi ishma ma jistghux jigu offruti lil pubbliku (Artikolu 209 ta' l-Att tal-Kumpanniji) u l-Artikoli 12 u 13 illi jinsabu fl-Ewwel Skeda ta' l-Att tal-Kumpanniji illi jistipulaw hekk:

*"12. L-att ta' trasferiment ta' kull azzjoni ghandu jkun ezegwit minn jew f'isem min jittrasferixxi u min jigi lilu trasferit u min jittrasferixxi ghandu jitqies li jibqa detentur ta' l-azzjoni sakemm isem ta' min jigi lilu trasferit jitnizzel fir-registru tal-membri dwar dik l-azzjoni.*

*13. Bla hsara ghar-restrizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti li jistghu jghoddu, kull membru jista' jittrasferixxi l-azzjonijiet tieghu kollha jew parti minnhom b'dokument bil-miktub f'xi forma tas-soltu jew ordinarja jew b'kull forma ohra li japprovaw id-diretturi."*

10. Hija ghalhekk il-fehma ta' din il-Qorti illi meta wiehed jevalwa akkuratament x-xiehda li giet prodotta, id-dokumenti prodotti u l-artikoli tal-ligi illi japplikaw ghas-socjetajiet privati u tenut kont tal-konsiderazzjonijiet kollha suesposti – din il-Qorti ghandha tikkonferma l-konkluzzjonijiet ta' l-ewwel Qorti.

11. Fir-rigward tat-tieni aggravvju ta' l-appellant, din il-Qorti tirreferi ghall-istess konsiderazzjonijiet illi ghamlet fir-rigward tal-ewwel aggravju u li meta jigu kkonsiderati l-fatti kollha tal-kaz, ghandu jirrizulta illi fil-verita` kien hemm rinunzja da parti ta' l-appellant tad-drittijiet tieghu.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell tal-appellant u ghalhekk tikkonferma s-sentenza moghtija

mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-20 ta' Ottubru 2005. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------